**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Illum** 18 ta' Gunju, 2020

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**-vs-**

**Omar Djelassi, detentur tal-karta tal-identità numru 99097M**

***Kumpilazzjoni Nru. 250/2020***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Omar Djelassi u cioe` talli

B' diversi atti magħmulin minnu, wkoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi, maghmula b'riżoluzzjoni waħda**:-**

Nhar il-5 ta' Mejju, 2020, it-28 ta' Mejju, 2020, il-5 ta' Gunju, 2020 u l-10 ta' Gunju, 2020, f'diversi hinijiet u f'diversi lokalitajiet f'Malta kif ukoll fi Triq l-14 ta' Dicembru 1945, il- Fgura kif ukoll fi bnadi ohra fil- Fgura -

(1) Ikkaguna lil Jolene Camilleri biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti u dan bi ksur tal-artikoli 251B u 251H tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

(2) Fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi gab ruhu b'mod li taha fastidju lil Jolene Camilleri u dan bi ksur tal-artikoli 251A u 251H tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(3) Fl-istess dati, hinjiet, lokalitajiet u cirkostanzi, permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li ser jagħmel xi reat u cioe' kontra Jolene Camilleri jew kif ukoll bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna u cioe' Jolene Camilleri kif ukoll għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-artikolu 49(a)(b)(c) tal-Att Biex Jirregola Komunikazjonijiet Elettronici, Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta.

(4) Fl-istess dati, hin, postijiet u cirkostanzi għamel lil Jolene Camilleri inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi u dan bi ksur tal-artikolu 339[recte (1)] (e) tal-Kodici Kriminali tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(5) U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-09 ta' Gunju 2020 u l-10 ta' Gunju 2020 ghal habta ta' bejn 00:00hrs u fil- hinijiet ta' wara, fi Triq il- 14 ta' Dicembru 1945 gewwa l-Fgura Malta, b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg ta' Jolene Camilleri, mobbli jew immobbli u cioe` fuq karozza Daihatsu Sirion numru tar-registrazjoni DOD018, liema dannu ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt euro (€2,500), iżda hu iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250) rispettivament u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (b) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta` tal-imsemmija Jolene Camilleri, u minn issa tapplika l-proveddimenti tal-**Artikolu 412Ċ** tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa. F'każ ta' ħtija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Jolene Camilleri ai termini tal-**Artiklu 383** et. seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza mizmuma nhar il-11 ta' Gunju, 2020, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Gie kkunsidrat li ghalkemm l-prosekuzzjoni attribwit l-addebitu tar-reat kontinwat fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, sabiex jissusistu ir-reati ravvizati bl-artikoli 251A u 251B tal-Kodici Kriminali, dawn minnhom nfushom jinhtiegu *a course of conduct,* u ghalhekk fir-rigward ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet ma jistax isib applikazzjoni l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

Gie kkunsidrat ukoll li l-fatt specie tal-kaz jinkwadraw aktar fit-tieni imputazzjoni, dik ravvizata bl-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali, milli fir-reat ai termini tal-artikolu 251A, li madanakollu jibqa' assorbit - ghall-fini ta' piena - fit-tieni imputazzjoni. L-imputazzjonijiet numru tlieta (3) u numru erba' (4) servew ta' mezz ai fini ghat-tieni imputazzjoni, dik li tissanzjona kondotta ferm aktar serja minn semplici harassment.

<u>Il-Qorti tkun qed tonqos jekk ma tirrimarkax li hemm anomalija bejn il-pieni ravvizati bl-artikoli 251A u 251B tal-Kodici Kriminali u dan minkejja l-emendi introdotti bl-Att III tal-2020.</u>[1]

[1] L-Att III tal-2020 dahal fis-sehh fit-28 ta' Frar, 2020

Ghalkemm ir-reat sancit bl-artikolu 251B tal-Kodici hu wiehed ferm aktar gravi minn dak tal *harassment* ravvizat bl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, filwaqt li dan l-ahhar reat igorr piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn **€5,000** u mhux iżjed minn €10,000, (jew dik il-multa u priġunerija flimkien), ir-reat ravvizat bl-artikolu 251B igorr piena ta' prigunerija li tvarja bejn sena sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn **€4,658.75** u mhux iżjed minn €11,646.87 (jew dik il-multa u priġunerija flimkien).

Dan ifisser li waqt il-**multa minima ghar-reat taht l-artikolu 251B tibqa' anqas mill-minimu tal-multa ghar-reat taht l-artikolu 251A**, reat anqas gravi minn dak ravvizat bl-artikolu 251B, id-differenza fil-massimu tal-piena hi biss dik ta' €1,646.87.

Ma jridx jintnesa li meta originarjament iddahhlu dawn l-artikoli fl-2005, il-pieni ghal reati taht l-artikoli 251A u 251B kienu ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa sitt xhur jew multa ta' bejn l**-€2,500 u l-€5,000** u dik ta' priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta' bejn l**-€4,658.75 u l-€11,646.87** rispettivament (jew dawk il-multi u priġunerija flimkien).

**Id-differenza bejn l-ammont erogabbli ghaz-zewg reati tirrispekja d-distinzjoni bejn reat u iehor; distinzjoni, li minkejja l-emendi introdotti bl-Att III tal-2020, sfumat kwazi ghal kollox**.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tan-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-ammissjoni bikrija tieghu w tal-fedina penali netta tieghu. Ittiehed konsiderazzjoni ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 251B, 251H(a), 325(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, issib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah **sentejn (2) prigunerija** li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlettin xahar (30) millum.

In oltre` ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tpoggi lill-hati taht ordni ta' supervizjoni ghal **tlettin (30) xahar** u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Wara li rat l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati jhallas lil Jolene Camilleri bhala kumpens ghall-hsara minnu kawzata, l-ammont ta' **€150**.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn (2) sabiex jinghata l-ghajnuna psikologika li jinhtieg.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Jolene Camilleri ghal zmien tlett snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni fuqu impost.

Tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali, tordna notifika ta' din is-sentenza lil Onorevoli Ministru Ghall-Gustizzja, l-Ugwaljanza w l-Governanza, kif ukoll lil Avukat Generali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**